MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Numru. 6/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Christopher Paul Scicluna**

Numru 6/2015

Illum 24 ta' Marzu 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Christopher Paul Scicluna**, ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, iben Loreto u Rose neé Spiteri, imwieled New York, Amerika, fil-5 ta' Frar 1986, u residenti

'Madonna ta' Pinu', Triq Dun Guzepp Galea Rapa, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-Numru 423000(L), akkuzat talli gewwa residenza 'Madonna ta' Pinu', Triq Dun Guzepp Galea Rapa, Ghajnsielem, Ghawdex u fi Triq Marsalforn, Zebbug, Ghawdex, nhar 17 ta' Ottubru 2013 ghall-habta ta' 11.55p.m u matul ix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. kellu fil-pussess tieghu l-pjanta tal-cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "C").

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, l-istqarrija rilaxxata minnu, u l-fedina penali (Dok. "B") tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat Christopher Paul Scicluna hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tmien (8) xhur mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala Dok. "F" u "G" taħt il-ħarsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------